



2023/2817

18.12.2023

**DEĊIŻJONI (UE) 2023/2817 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-7 ta' Diċembru 2023**

**li tistabilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/139 (BĊE/2020/5) (BĊE/2023/33)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 28.5 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew skond ir-raba' inċiż tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/2811 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2023/31) <sup>(1)</sup> tipprovdi għall-aġġustament tal-ponderazzjonijiet assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema għas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (iktar 'il quddiem il-"ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital" u "l-iskema tal-kapital" rispettivament). Dan l-aġġustament jirrikjedi li l-Kunsill Governattiv jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital bejn il-BĊNi li huma membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fil-31 ta' Diċembru 2023 sabiex jiżgura li d-distribuzzjoni ta' dawn l-ishma tikkorrispondi mal-aġġustamenti magħmula. Għalhekk, l-adozzjoni ta' deċiżjoni għida hija meħtieġa biex titħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/139 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/5) <sup>(2)</sup> b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.
- (2) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/2819 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2023/32) <sup>(3)</sup> tiddetermina kif u sa liema punt il-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem il-BĊNi taż-żona tal-euro) huma taħt obbligu biex iħallu l-kapital tal-BĊE minħabba l-iskema tal-kapital aġġustata. Id-Deċiżjoni (UE) 2023/28161 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2023/36) <sup>(4)</sup> tiddetermina l-persentaġġ li l-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (minn hawn 'il quddiem il-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro) huma taħt obbligu biex iħallu b'effett mill-1 ta' Jannar 2024 minħabba l-iskema tal-kapital aġġustata.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni (UE) 2023/2811 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni (EU) 2020/137 (BĊE/2020/3) (BĊE/2023/31) (ĠU L, 2023/2811, 18.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2811/oj>).

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni (UE) 2020/139 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2020 li tistabilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2013/29 (BĊE/2020/5) (ĠU L 271, 1.2.2020, p. 9).

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni (UE) 2023/2819 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2020/138 (BĊE/2023/4) (BĊE/2023/32) (ĠU L, 2023/2819, 18.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2819/oj>).

<sup>(4)</sup> Deċiżjoni (UE) 2023/2816 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2020/136 (BĊE/2023/36) (ĠU L, 2023/2816, 18.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2816/oj>).

- (3) Minħabba li kull BĊN taż-żona tal-euro diġà ħallas is-sehem sħiħ tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2023 skont id-Deċiżjoni (UE) 2020/138 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2023/4) <sup>(5)</sup>, u sa fejn huwa kkonċernat Hrvatska narodna banka, skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/135 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/51) <sup>(6)</sup>, kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jwarrtriferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE jew jirċievi ammont lura mill-BĊE, kif xieraq, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2819 (BĊE/2023/32).
- (4) Bl-istess mod, minħabba li l-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro diġà ħallsu perċentwal tal-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2023 skont id-Deċiżjoni (UE) 2020/136 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/2) <sup>(7)</sup>, kull wieħed minnhom għandu jwarrtriferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mill-BĊE, kif xieraq, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2816 (BĊE/2023/36),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

### Trasferiment ta' ishma ta' kapital

Meta wieħed iqi is-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN se jkun issottoskriva fil-31 ta' Diċembru 2023, u s-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN sejssottoskrivi b'effett mill-1 ta' Jannar 2024 bħala konsegwenza tal-aġġustament tal-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2811 (BĊE/2023/31), il-BĊNi għandhom jwarrtriferixxu l-ishma tal-kapital bejniethom permezz ta' trasferimenti mingħand u lill-BĊE biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-ishma fil-kapital b'effett mill-1 ta' Jannar 2024 tikkorrispondi mal-ponderazzjonijiet aġġustati. Għal dan il-għan, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu u mingħajr il-ħtieġa ta' aktar formalità jew att, kull BĊN għandu jitqies bħala li ttrasferixxa jew irċieva, b'effett mill-1 ta' Jannar 2020 is-sehem fil-kapital sottoskritt tal-BĊE muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal sehem fil-kapital li l-BĊE għandu jwarrtriferixxi lill-BĊN u "-" għal sehem fil-kapital li l-BĊN għandu jwarrtriferixxi lill-BĊE.

#### Artikolu 2

### Aġġustament tal-kapital imħallas

1. Minħabba l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN ħallas u l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2024, skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2819 (BĊE/2023/32) għall-BĊNi taż-żona tal-euro u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2816 (BĊE/2023/36) għall-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro, rispettivament, fl-ewwel jum operattiv tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET) wara l-1 ta' Jannar 2024, kull BĊN għandu jwarrtriferixxi jew jirċievi l-ammont nett muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandha tirreferi għal ammont li l-BĊN għandu jwarrtriferixxi lill-BĊE u "-" għal ammont li l-BĊE għandu jwarrtriferixxi lil dak il-BĊN.

2. Fl-ewwel jum ta' negozju tat-TARGET wara l-1 ta' Jannar 2024, il-BĊE jew il-BĊNi li huma obbligati jwarrtriferixxu ammont taħt il-paragrafu 1 għandhom kull wieħed jwarrtriferixxu b'mod separat kull imgħax li jiddekorri fuq l-ammonti rispettivi dovuti matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sad-data tat-trasferiment. Dawk li jwarrtriferixxu u dawk li jirċievu dan l-imgħax għandhom ikunu l-istess bħala dawk li jwarrtriferixxu u dawk li jirċievu l-ammonti li fuqhom jiddekorri l-imgħax.

<sup>(5)</sup> Deċiżjoni (UE) 2020/138 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2020 dwar il-ħlas fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/44 (BĊE/2020/4) (ĠU L 271, 1.2.2020, p. 6)

<sup>(6)</sup> Deċiżjoni (UE) 2023/135 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-30 ta' Diċembru 2022 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet mill-Hrvatska narodna banka lir-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/51) (ĠU L 17, 19.1.2023, p. 94).

<sup>(7)</sup> Deċiżjoni (UE) 2020/136 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2020 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro u li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/48 (BĊE/2020/2) (ĠU L 271, 1.2.2020, p. 1)

*Artikolu 3***Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. It-trasferimenti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom iseħħu permezz ta' TARGET.
2. Fejn BĊN ma jkollux aċċess għal TARGET, l-ammonti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom ikunu ttrasferiti billi jiġi akkreditat kont li l-BĊE jew il-BĊN għandhom jinnominaw fiż-żmien dovut.
3. Kwalunkwe imgħax li jiddekorri skont l-Artikolu 2(2) għandu jiġi kkalkulat ta' kuljum, billi jintuża l-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għall-aħħar rata ta' mgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fis-sejthet għall-offerti tagħha għal operazzjonijiet ta' rfinanzjament ewlenin.
4. Il-BĊE u l-BĊNi li huma taħt obbligu li jagħmlu trasferiment skont l-Artikolu 2 għandhom, maż-żmien, jagħtu l-istruzzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' dan it-trasferiment fil-ħin.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ u revoka**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-1 ta' Jannar 2024.
2. Id-Deċiżjoni (UE) 2020/139 (BĊE/2020/5) hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.
3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni (UE) 2020/139 (BĊE/2020/5) għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Diċembru 2023.

*Il-President tal-BĊE*  
Christine LAGARDE

## ANNEX I

## KAPITAL SOTTOSKRITT TAL-BĊNI

	Sehem sottoskritt fil- 31 ta' Diċembru 2023 (EUR)	Sehem sottoskritt mill- 1 ta' Jannar 2024 (EUR)	Sehem li jrid jiġi ttrasferit (EUR)
<b>BĊN taż-żona tal-euro</b>			
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	320 744 959,47	324 804 337,12	+ 4 059 377,65
Deutsche Bundesbank	2 320 816 565,68	2 357 134 464,40	+ 36 317 898,72
Eesti Pank	24 800 091,20	26 380 542,23	+ 1 580 451,03
Central Bank of Ireland	149 081 997,36	192 804 200,92	+ 43 722 203,56
Bank of Greece	217 766 667,22	199 981 180,60	- 17 785 486,62
Banco de España	1 049 820 010,62	1 046 669 933,56	- 3 150 077,06
Banque de France	1 798 120 274,32	1 770 700 531,41	- 27 419 742,91
Hrvatska narodna banka	71 390 921,62	68 511 469,74	- 2 879 451,88
Banca d'Italia	1 495 637 101,77	1 418 000 151,07	- 77 636 950,70
Central Bank of Cyprus	18 943 762,37	19 506 662,74	+ 562 900,37
Latvijas Banka	34 304 447,40	34 304 447,40	0,00
Lietuvos bankas	50 953 308,28	52 241 484,12	+ 1 288 175,84
Banque centrale du Luxembourg	29 000 193,94	32 215 221,04	+ 3 215 027,10
Il-Bank Ċentrali ta' Malta	9 233 731,03	11 398 732,44	+ 2 165 001,41
De Nederlandsche Bank	515 941 486,95	522 912 791,50	+ 6 971 304,55
Oesterreichische Nationalbank	257 678 468,28	261 694 545,91	+ 4 016 077,63
Banco de Portugal	206 054 009,57	205 826 684,42	- 227 325,15
Banka Slovenije	42 390 727,68	43 743 853,57	+ 1 353 125,89
Národná banka Slovenska	100 824 115,85	101 787 541,48	+ 963 425,63
Suomen Pankki	161 714 780,61	160 783 830,00	- 930 950,61
<b>BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro</b>			
Българска народна банка (Bank Nazżjonali Bulgaru)	106 431 469,51	105 901 044,16	- 530 425,35
Česká národní banka	203 445 182,87	212 419 113,73	+ 8 973 930,86
Danmarks Nationalbank	190 422 699,36	192 652 650,82	+ 2 229 951,46
Magyar Nemzeti Bank	167 657 709,49	171 240 786,83	+ 3 583 077,34

Narodowy Bank Polski	653 126 801,54	659 979 031,02	+ 6 852 229,48
Banca Națională a României	306 228 624,99	312 712 804,23	+ 6 484 179,24
Sveriges Riksbank	322 476 960,60	318 699 033,14	- 3 777 927,46
<b>Total <sup>(1)</sup>:</b>	<b>10 825 007 069,61</b>	<b>10 825 007 069,61</b>	<b>0,00</b>

(<sup>1</sup>) Minħabba xi tqarrir, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.

## ANNEX II

## KAPITAL IMĦALLAS TAL-BĊNi

	Sehem imħallas fil- 31 ta' Diċembru 2023 (EUR)	Sehem imħallas mill- 1 ta' Jannar 2024 (EUR)	Ammont ta' ħlas ittrasferit (EUR)
<b>BĊNi taż-żona tal-euro</b>			
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	320 744 959,47	324 804 337,12	+ 4 059 377,65
Deutsche Bundesbank	2 320 816 565,68	2 357 134 464,40	+ 36 317 898,72
Eesti Pank	24 800 091,20	26 380 542,23	+ 1 580 451,03
Central Bank of Ireland	149 081 997,36	192 804 200,92	+ 43 722 203,56
Bank of Greece	217 766 667,22	199 981 180,60	- 17 785 486,62
Banco de España	1 049 820 010,62	1 046 669 933,56	- 3 150 077,06
Banque de France	1 798 120 274,32	1 770 700 531,41	- 27 419 742,91
Hrvatska narodna banka	71 390 921,62	68 511 469,74	- 2 879 451,88
Banca d'Italia	1 495 637 101,77	1 418 000 151,07	- 77 636 950,70
Central Bank of Cyprus	18 943 762,37	19 506 662,74	+ 562 900,37
Latvijas Banka	34 304 447,40	34 304 447,40	0,00
Lietuvos bankas	50 953 308,28	52 241 484,12	+ 1 288 175,84
Banque centrale du Luxembourg	29 000 193,94	32 215 221,04	+ 3 215 027,10
Il-Bank Ċentrali ta' Malta	9 233 731,03	11 398 732,44	+ 2 165 001,41
De Nederlandsche Bank	515 941 486,95	522 912 791,50	+ 6 971 304,55
Oesterreichische Nationalbank	257 678 468,28	261 694 545,91	+ 4 016 077,63
Banco de Portugal	206 054 009,57	205 826 684,42	- 227 325,15
Banka Slovenije	42 390 727,68	43 743 853,57	+ 1 353 125,89
Národná banka Slovenska	100 824 115,85	101 787 541,48	+ 963 425,63
Suomen Pankki	161 714 780,61	160 783 830,00	- 930 950,61
<b>BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro</b>			
Българска народна банка (Bank Nazżjonali Bulgaru)	3 991 180,11	3 971 289,16	- 19 890,95
Česká národní banka	7 629 194,36	7 965 716,76	+ 336 522,40
Danmarks Nationalbank	7 140 851,23	7 224 474,41	+ 83 623,18
Magyar Nemzeti Bank	6 287 164,11	6 421 529,51	+ 134 365,40

Narodowy Bank Polski	24 492 255,06	24 749 213,66	+ 256 958,60
Banca Națională a României	11 483 573,44	11 726 730,16	+ 243 156,72
Sveriges Riksbank	12 092 886,02	11 951 213,74	- 141 672,28
<b>Total <sup>(1)</sup>:</b>	<b>8 948 334 725,55</b>	<b>8 925 412 773,07</b>	<b>- 22 921 952,48</b>

(<sup>1</sup>) Minħabba xi tqarrir, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.